**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2017

**SEDUTA NUMRU 12/07 - 19 Diċembru 2013 - 17:30PM**

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *JOSEPH ABELA* | *SINDKU* | |
| *PAWLU FARRUGIA* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | *skużat* |
| *KEITH DARMANIN* | *KUNSILLIER* | |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | *17:45PM* |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | *skużat* |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | |
| *MILLICENT SCERRI* | *AMBAXXATRIĊI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ* | |
| *PAUL J. PACE* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |
| *ANTONELLA GALEA* | *ASST. PRINĊIPAL* | |

**AĠENDA**

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjoni mis-Sindku (Inkluż Korrispondenza)
3. Affarijiet Finanzjarji (inkluż Skeda ta' Pagamenti)
4. Performance Bonuses - :
    a. *Segretarju Eżekuttiv – Paul J. Pace*
    b. *Assistent Prinċipal – Antonella Galea*
    c. *Uffiċjal Eżekuttiv – Maria Aquilina*
    d. *Skrivana – Isabella Formosa*
5. Rapport mill-Kunsillieri
6. Ħwejjeġ Oħra
7. Għeluq tal-Laqgħa

**TALBA**

**Is-Sindku qal il-talba u ppressieda l-laqgħa.**

1 **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

i Il-Minuti tal-Laqgħa 10/07 tal-Ħamis 21 ta' Novembru 2013 fil-5.30pm ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel.

ii Dawn ġew approvati unanimament. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku s-Sur Joseph Abela u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Paul J. Pace.

Il-Minuti tal-Laqgħa 11/07 tat-Tnejn 2 ta' Diċembru 2013 fil-5.30pm ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel.

Dawn ġew approvati unanimament. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku s-Sur Joseph Abela u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Paul J. Pace.

2 **Komunikazzjoni mis-Sindku (inkluż korrispondenza)**

**i.** Rigward id-diskrepanzi fil-prezzijiet minn dawk ikkwotati fit-tenders tal-kuntratti preċedenti tal-iskips u tal-konkos, il-Kunsill qabel li s-Sindku u s-Seg. Eżek. jiltaqgħu mal-Avukat tal-Kunsill sabiex miegħu jiġi diskuss dan il-każ. Diskrepanzi fil-prezzijiet – skips u konkos

ii. Il-Viċi Sindku staqsa jekk l-Enemalta ġietx tinstalla l-meters apposta sabiex il-Kunsill jibbenefika mit-tnaqqis fil-konsum tal-elettriku ladarba riċentement ġew installati l-pannelli fuq il-Latrina Pubblika u fuq is-saqaf tad-Dar tal-Kejka. Is-Sindku wieġeb li ser isegwi dan il-każ. Meters għall-pannelli

Iii Is-Sindku nforma lil Kunsill li l-Kuntrattur il-ġdid tal-Bulky Refuse beda jopera u l-ġbir qed isir darbtejn fil-ġimgħa kull nhar ta' Tnejn u kull nhar ta' Erbgħa skond il-kuntratt. Bulky refuse

Iv Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kif maqbul fil-laqgħa preċedenti, s-Seg. Eżek. qed jieħu ħsieb il-ħruġ mil-ġdid tat-tender tal-latrina pubblika. Huwa qed jieħu ħsieb jinforma lil kull min diġa kien tefa' t-tender kif ukoll sabiex jinħarġu l-avviżi mill-ġdid. Latrina Pubblika

v Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kuntrattur li rebħet it-tender tal-open skips u skips on wheels ppreżentat il-garanzija bankarja u ffirmat il-kuntratt u għalhekk issa tista tibda topera. Oen skips u Skips on wheels

3 **Affarijiet Finanzjarji (inkluż Skeda ta' Pagamenti)**

i L-Iskeda ta' Pagamenti ġiet iċċirkolata lill-Kunsillieri kollha. Il-Kunsill approva unanimament l-Iskeda ta' Pagamenti. Din l-iskeda ġiet iffirmata mis-Sindku s-Sur Joseph Abela, mis-Seg. Eżek is-Sur Paul J. Pace u minn żewġ Kunsillieri.

4 Performance Bonuses - : Performance Bonus

- *Segretarju Eżekuttiv – Paul J. Pace;* Assistent Prinċipal – Antonella Galea;
  Uffiċjal Eżekuttiv – Maria Aquilina; *Skrivana – Isabella Formosa*

I Il-Kunsill talab lis-Seg. Eżek. joħroġ mil-kamra sabiex tiġi diskussa din il-materja. Is-Seg. Eżek. irtira mill-kamra kif mitlub.

Ii Wara ftit minuti s-Seg. Eżek. reġa ntalab jirritorna lura fil-kamra. Is-Sindku nfurmah li l-Kunsill unanimament qabel li huwa jingħata 10% performance bonus.

Iii Is-Sindku talab lis-Seg. Eżek. jagħti l-opinjoni tiegħu fuq l-impjegati l-oħra tal-Kunsill. Is-Seg. Eżek. ikkonferma mal-Kunsill li t-tlett impjegati jaqdu dmirhom sewwa u b'reqqa.

Iv Il-Kunsill b'mod unanimu qabel li 3 impjegati jingħataw ukoll il-full Performance Bonus ta' 6% kull waħda.

V Is-Seg. Eżek. f'ismu u f'isem it-tlett impjegati l-oħra rringrazzja lill-Kunsill.

5 **Rapport tal-Kunsillieri**

*Rapport Mill-Kunsillier Keith Darmanin*

i Is-Sur Darmanin qal li ser jorganizza laqgħa mar-residenti nhar l-4 ta' Jannar 2014 fl-10.00am dwar l-Ordni Pubblika.

Ii Is-Sur Darmanin qal li qed jipproponi li nhar it-12 ta' Jannar 2014 tittella' MINI Car show u wara ssir car cade. Qed jipproponi wkoll li jingħataw Token u Drink.

Iii Il-Kunsill qabel li ssir din il-car show u li jingħataw it-tokens u drinks.

*Rapport mill-Kunsillier Doris Vella*

i Is-Sinj. Vella qalet li l-ħarġa tat-tfal fi 28 ta' Diċembru kienet suċċess.

ii Hija qalet ukoll li anke il-ħarġa li kellha ġewwa s-Sorreda Hotel in-nies ħarġu sodisfatti ħafna.

6 **Ħwejjeġ Oħra**

i Is-Sindku nforma l-Kunsill li għandu talba għal materjal in kind. Il-Kunsill qabel li joħroġ is-somma ta' €500.

ii Is-Seg. Eżek nforma lill-Kunsill li rċevejna offerta mingħand il-Kumpanija GO sabiex il-Kunsill jaqleb magħhom. Peress li l-Kunsill kien ser jiffranka somma konsiderevoli, kien hemm qbil li jinqaleb is-servizz mal-GO.

Iii Is-Sindku nforma lill-Kunsill li t-Tender għall-Printing tal-Fuljett għalqet u ntefgħu 3 offerti :
*VERITAS PRESS għall-valur ta' €2094.75 (44paġna) u oħra għall-valur ta' €2189.25 (48 paġna)*
*GUTENBERG PRESS għall-valur ta' €1785 (32 paġna B&W u 4 paġni Kulur) kif ukoll €40.69 kull paġna extra B&W u €118.125 kull paġna extra Kulur*
*UNIONPRINT għall-valur ta' €1603.35 (32 paġna B&W u 4 paġni kulur) kif ukoll €40.425 kull paġna extra B&W u €56.44 kull paġna exra bil-kulur.*

Skeda qed tiġi mehmuża mal-Minuti għall aktar referenza.

Iv Peress li l-offerta mitfugħa minn UNIONPRINT hija l-iktar waħda vantaġġjuża, il-Kunsill qabel unanimament li tintgħażel din l-offerta għall valur ta' €1603.35 (32 paġna B&W u 4 paġni kulur) kif ukoll €40.425 kull paġna extra B&W u €56.44 kull paġna exra bil-kulur.

V Is-Seg. Eżek. ser jieħu ħsieb jibgħat l-ittri kif meħtieġ.

7 **Għeluq tal-Laqgħa**

i Il-laqgħa ntemmet fis-7.30pm.

ii Laqgħa oħra ser issir nhar IT-Tlieta 28 ta' Jannar 2014 fil-5.30pm

**Sur Joseph Abela**
**Sindku**

**Sur Paul Pace** Dip. B. A. Bus Mangt MBA
**Seg. Eżek**